



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2018  
(OR. en)

12776/18

**LIMITE**

**CORLX 499  
CSDP/PSDC 540  
CFSP/PESC 901  
CIVCOM 193  
COEST 186  
EUMM GEORGIA 6  
CSC 283**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL li testendi u temenda d-Deċiżjoni  
2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-  
Georgia, EUMM Georgia

---

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/...**

**ta' ...**

**li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK  
dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia,  
EUMM Georgia**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Awwissu 2010 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/452/PESK<sup>1</sup>, li estendiet il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia), stabbilita permezz tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/736/PESK<sup>2</sup>.
- (2) Fit-12 ta' Diċembru 2016 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2238<sup>3</sup>, li testendi l-mandat ta' EUMM Georgia sal-14 ta' Diċembru 2018 u li tipprevedi ammont ta' referenza finanzjarja sal-14 ta' Diċembru 2017.
- (3) Fis-7 ta' Diċembru 2017 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2263<sup>4</sup>, li tipprevedi ammont ta' referenza finanzjarja sal-14 ta' Diċembru 2018.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-GeVrgja, EUMM Georgia (ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43).

<sup>2</sup> L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/736/PESK tal-15 ta' Settembru 2008 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-GeVrgja, EUMM Georgia (ĠU L 248, 17.9.2008, p. 26).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2238 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-GeVrgja, EUMM Georgia (ĠU L 337, 13.12.2016, p. 15).

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2263 tas-7 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 324, 8.12.2017, p. 51).

- (4) Wara r-rieżami strateġiku tal-2018, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat ta' EUMM Georgia jiġi estiż sal-14 ta' Diċembru 2020.
- (5) Id-Deċiżjoni 2010/452/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) EUMM Georgia ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2010/452/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 14(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-Missjoni bejn il-15 ta' Diċembru 2018 u l-14 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ta' EUR 38 200 000.".

- (2) fl-Artikolu 18, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tiskadi fl-14 ta' Diċembru 2020.".

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-15 ta' Diċembru 2018.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*